# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**ILLUM 20 ta' Ġunju 2025**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Mohamed Amin Ramoul**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **l-imputat: MOHAMED AMIN RAMOUL ta' tlieta u għoxrin (23) sena, iben Mahmud u Alima Ramoul, ta' nazzjonalita' Alġeriża, imwieled l-Alġerija, nhar id-disgħa (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002), bla residenza fissa u detentur tal-Karta tal-Identita' Alġeriża bin-numru 100020765000570004;**

***Akkużat talli: f'xi ħin bejn is-sagħtejn ta' filgħodu (02:00) u s-sitta ta' filgħodu (06:00) fit-tmintax (18) ta' Ġunju tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (2025), ġewwa Sqaq Lourdes, San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:***

1. *Ikkommetta serq ta' vettura u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat* ***bil-valur;*** *liema valur tal-ħaġa misruqa jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37),* ***bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa*** *liema serq sar għad-dannu ta'* ***eCabs Company Limited*** *u/jew ta'* ***Matthew Bezzina*** *u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;*

   *Artikoli 261(ċ)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(b) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *U aktar talli fl-istess data, ħinijiet u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara hija iżjed minn elfejn u ħames mitt Euro (€2500), u dan għad-dannu ta'* ***eCabs Company Limited*** *u/jew ta'* ***Matthew Bezzina*** *u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;*

   *Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. *U aktar talli fl-istess data, lok, ħinijiet u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur mingħajr polza ta' assigurazzjoni;*

   *Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.*

4. *U aktar talli fl-istess data, lok, ħinijiet, u ċirkostanzi saq vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan u saqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, u b'mod perikoluż;*

   *Artikolu 15(1)(a) u (2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 28H et seq, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għar-rigward illi l-ħati jħallas id-danni ai termini tal-istess Artikoli 15A u 28H et seq, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

**Rat id-dokumenti esebiti** fosthom il-fedina penali (Dok RA 2) u l-atti processwali kollha.

**Semgħet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni ta' ħtija tiegħu** anke wara li l-Qorti wissietu dwar il-konsegwenzi tal-istess ammissjoni u tatu żmien biex jerġa jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u jerga jikkonsulta ruħhu mal-avukat.

**Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena** idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat fejn il-Prosekuzzjoni ssuġġeriet piena ta' sentejn u sitt xhur prigunerija effettiva, inkluż ordni ta' restituzzjoni taħt l-Art 15A tal-Kap 9 u multa. Id-difiża ssottomettiet li taderixxi mal-piena u talbet żmien għall-ħlas tal-multa.

***IKKUNSIDRAT***

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement ippruvati skond il-Liġi.

Illi sabiex tiġi kkalibrata l-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija, ċ-ċirkostanzi li wasslu għar-rejat u kif ukoll dak sottomess minn entrambi l-partijiet dwar il-piena waqt it-trattazzjoni tagħhom illum.

***DECIDE***

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 261(ċ)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(b) u 280(1), 325(1)(a), 15A u 17 tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta), l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 15(1)(a) u (2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **MOHAMED AMIN RAMOUL** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu **u tikkundannah għal perijodu komplessiv ta' sentejn (2) u sitt (6) xhur priġunerija effettiva u għall-ħlas ta' multa komplessiva fl-ammont ta' elfejn u erba mitt Ewro (€2,400) liema multa għandha titħallas f'pagamenti ta' €66.66 fix-xahar fi żmien ta' tlett snin. Inoltre b'applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna lill-ħati sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiża ossia lill-eCabs Company Limited u/jew Matthew Bezzina s-somma ta' tlett elef sitt mija disa u erbgħin Ewro u seba u għoxrin ċenteżmu (€3,649.27).**

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċħad tali talba stante li ma nġabet ebda prova in rigward.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għall-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u ta' din is-sentenza bil-mezz u fiż-żmien pprovdut mill-Liġi.

**Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur** **20 ta' Ġunju 2025**